MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA
U L-INTERN

MINISTRY FOR JUSTICE
AND HOME AFFAIRS

*Dipartiment għall-Gvern Lokali*

*Department for Local Government*

LCD 13/1994/IX
LCD 1/2004

1 ta' Ġunju, 2004

**Memo 15/2004**

Lis-Segretarji Eżekuttivi (Konċernati)
Kunsilli Lokali

## ELEZZJONIJIET KUNSILLI LOKALI (ĠUNJU 2004)
## IĊ-ĊERIMONJA TAL-ĠURAMENT TAL-ĦATRA

Iċ-ċerimonja tal-Ġurament tal-Ħatra (*Swearing-In Ceremony*) tal-Kunsillieri eletti fl-elezzjonijiet tat-12 ta' Ġunju 2004, sejra ssir fil-preżenza tal-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern Dr. Tonio Borg nhar it-**Tnejn 28 ta' Ġunju, 2004** kif jidher fil-programm mehmuż.

Waqt li nirreferikom għaċ-ċirkulari Memo Nru 11/2004 datata 30 ta' April 2004, nixtieq infakkar lis-Segretarji Eżekuttivi konċernati kollha li:-

**a)** Il-Kunsillieri jistgħu jaħilfu (*swear)* jew jaffermaw (*affirm*);

**b)** Is-Segretarji Eżekuttivi huma responsabbli biex jippreparaw 4 kopji tal-formoli tal-Ġurament kif speċifikat fiċ-ċirkulari Memo Nru 11/2004 maħruġa minn dan id-Dipartiment. (Min jixtieq jibgħat *sample* lid-Dipartiment għal verifika, jekk mhux diġà bagħtu, jista' jagħmel dan sa mhux aktar tard mit-18 ta' Ġunju, 2004). F'dan il-każ is-*sample* għandu jintbagħat għall-attenzjoni tas-Sur Alfred Armeni fuq Fax: 21224904;

**c)** Dan id-Dipartiment għandu jiġi nfurmat **sa mhux aktar tard mill-Ħamis 24 ta' Ġunju, 2004** bid-dettalji kollha meħtieġa dwar il-kunsillieri eletti fil-formola speċifikata li ntbagħtet lis-Segretarji Eżekuttivi maċ-ċirkulari Memo 11/2004 (fil-Ġabra ta' Proċeduri);

26 TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA CMR 02
TEL: 21 226534-6 FAX: 21 224904

**d)** Is-Segretarji Eżekuttivi jridu jakkumpanjaw lil Kunsillieri waqt iċ-ċerimonja tal-Ġurament tal-Ħatra u **għandhom jiftakru biex iġibu magħhom il-formoli (mhux iffirmati) tal-Ġurament;** u

**e)** Il-Kunsillieri għandhom jitilgħu biex jieħdu l-ġurament:-

(i) Fl-ordni bħala lokalità kif jidher fit-tabella mehmuża; u

(ii) Fl-ordni bħala Kunsillier hekk kif ġie elett skond in-notifika maħruġa mill-Kummissjonarji Elettorali. Din il-lista sejra tintbagħat lill-Kunsilli konċernati meta tiġi pubblikata.

**Is-Segretarji Eżekuttivi qed jiġu nfurmati li dan id-Dipartiment sejjer jorganizza *briefing (Mock Session)* taċ-ċerimonja tal-Ġurament tal-Ħatra nhar it-Tnejn, 21 ta' Ġunju, 2004 fl-10.00 ta' filgħodu fis-Sala Sant' Anġlu, Mużew Marittimu, Birgu.**

**Huwa mportanti li s-Segretarji Eżekuttivi konċernati kollha jattendu għal dan il-*briefing*.** Il-Kunsillieri eletti m'għandhomx jattendu.

Nirringrazzjakom tal-koperazzjoni.

James Catania
Għad-Direttur, (Gvern Lokali)

cc Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern
Segretarju Parlamentari, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern
Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern
*Communications Coordinator*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern
Awditur Ġenerali
Il-President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Il-President, Assoċjazzjoni Segretarji Kunsilli Lokali (Malta)

JC/jc